TAL-PIETA`

# MINUTI

## Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 07

L-Erbgha, 4 ta' Jannar, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi, u l-Kunsillieri, Charles Grech, Mark Pisani u Ryan Douglas Tanti.

Il-Kunsillier Colin Bowman informa li kien ma jiflahx filwaqt li l-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 06 li saret nhar l-Erbgha, 4 ta' Dicembru, 2024, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Il-Kunsillier Colin Bowman informa li kien ma jiflahx filwaqt li l-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol u ghalhekk gew skuzati.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* ***Estensjoni tal-UCA fil-lokalita`***. Is-Sindku informa li l-Kunsill kien qassam l-ittra tal-proposta ghall-estensjoni tal-UCA, bieb bieb u min irciviha kien iffirma ghaliha. Il-Kunsill kien ircieva erba' risposti u li kollha kienu jaqblu mal-proposta li ghandha tizdied l-area tal-UCA. Is-Sindku qal ukoll li ghalkemm ma kenux prezenti ghas-seduta, il-Kunsillieri Bowman u Fitzpatrick kienu infurmaw li huma jaqblu wkoll mal-proposta tal-estensjoni tal-UCA. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta li tizdied l-area tal-UCA fil-lokalita`, skond kif imnizzel fl-ittra mibughta lir-residenti.

*3.2* ***Tender Cafetteria***. Is-Sindku informa li l-Bord kien iltaqa' u kien ra d-dokumenti kollha mitfugha. Fuq wahda mill-offerti kien hemm il-bzonn ta' parir legali. Saret laqgha mal-avukat illum u meta jircievi r-risposta, il-Bord ghandu jerga' jiltaqa'.

## 4 LAQGHA TAL-LOKALITA`

*4.1* Kien hemm qbil li l-Laqgha tal-Lokalita` issir qabel is-seduta tal-Kunsill li jmiss u cioe` nhar l-Erbgha, 5 ta' Frar fil-5.00pm. Il-Kunsillier Pisani informa li hu ser ikun imsiefer f'din il-gurnata.

## 5 PERFORMANCE BONUS TAL-IMPJEGATI GHAS-SENA 2024

*5.1* Il-Kunsill unanimament approva r-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv sabiex l-impjegati Sharon Cristina, Christine Spiteri u Stefano Persiano jinghataw il-massimu tal-Performance Bonus u cioe` 6%. Il-Kunsill approva wkoll unanimament il-massimu tal-Performance Bonus u cioe` 10% tas-Segretarju Ezekuttiv.

## 6 LEAVE PENDENTI MIS-SENA 2024 TAL-IMPJEGATI

*6.1* Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien ghad fadallu 79 siegha ta' *vacation leave* mis-sena 2024 u li ma kienx utilizza. Il-Kunsill unanimament approva li dan in-numru ta' sieghat jigi akkumulat mal-*vacation leave* tas-sena 2025.

***6.2*** Gew approvati wkoll 26 siegha leave pendenti tas-Sinj. Sharon Cristina u 17 -il siegha leave pendenti tas-Sur Stefano Persiano

## 7 KORRISPONDENZA

***7.1*** Tressaq quddiem il-Kunsill, il-Performance Bonus tal-haddiema tal-CWSEF. Is-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Douglas Tanti u Pisani kienu favur filwaqt li l-Kunsillier Grech astjena sabiex il-haddiema kollha taht din l-iskema jiehdu €350 kull wiehed bhala performance bonus. Kif kien gie maqbul mal-Fondazzjoni, il-Performance Bonus tas-Sur Reginald Cini ser ikun qed jinghata mill-Fondazzjoni.

## 8 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***8.1*** ***Dekasteru tal-Kunsillier Ryan Douglas Tanti***: Is-Sindku informa li hu kien tkellem mal-Kunsillier Douglas Tanti dwar xi tibdil fid-dekasteru. Il-Kunsillier Douglas Tanti qabel ma' dan it-tibdil sabiex issa d-dekasteru responsabbli minnu ser ikun "Sports u Attivita` Fizika, Kura u Sahha Mentali, Volontarjat u Akkomodazzjoni Socjali".

## 9 MISTOQSIJIET

***9.1*** Il-Kunsillier Grech qal li kienu kellmuh tnejn min-nies li kienu interessati jghallmu d-drama b'xejn lit-tfal ta' Tal-Pieta`. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiltaqa' ma dawn in-nies.

***9.2*** Il-Kunsillier Grech staqsa kif se jipprocedi l-Kunsill wara li ngabru l-firem ghal zewg sleeping policemen fi Triq San Guzepp. Kien indikat li dawn il-firem ma kenux tajbin ghax ma kenux dawk ta' madwar fejn qed jigu proposti is-sleeping policemen kif ukoll kien hemm firem li huma mill-istess residenza.

***9.3*** Il-Kunsillier Douglas Tanti qal li kien kellmu instructor tal-gymnastics u kien lest jaghti lezzjonijiet lit-tfal tal-lokalita`. Hu kien lest joffri discounts lit tfal u l-Kunsill irid jipprovdi l-post. Kien hemm qbil li tingieb aktar informazzjoni dwar dan.

## 10 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***10.1*** Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 06. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

**9. TMIEM**

***9.1*** Fis-6.15pm intemmet is-Seduta.  Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 5 ta' Frar, 2025, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Stefano Savo
Sindku